MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 1256/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**
**VS**
**JUSTIN GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Justin Galea, ta’ 27 sena iben Raymond u Maria Dolores nee’ Carabott, mwieled Pieta, nhar l-4 ta’Marzu 1984 u residenti 45 Triq Luqa Briffa, Zejtun , u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 141287(M);

Billi hu akkuzat talli fis-7 ta’Lulju 2010 gewwa Delimara bejn il-4.00am u 5.00am ikkommetta serq ta’ *credit card* tal-BOV kif ukoll Ewro15 flus kontanti ghad-dannu ta’ Marjanu Mangion, liema serq ma jeccedix il-mitejn tnejn u

tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.49) izda hu ikkwalifikat, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli nhar is-7 ta' Lulju 2010, u fil granet wara minghajr awtorizzazzjoni uza il-kodici ta' dhul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettoniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*computer*.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat Justin Galea, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261(b)(f)(g),263, 264, 270, 271,281,337C(i) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta tillibera lill-imputat Justin Galea bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin (3).

Il-Qorti hadet nota tal-obbligazzjoni tal-imputat li ma javvicinax il-fond tal-imputat fi Xrobb l'Ghagin limiti ta'Delimara.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-eta tal-imputat u il-fatt illi l-imputat hallas lil kwerelant fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------